

Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-003611/2019
lill-Kummissjoni

Artikolu 138 tar-Regoli ta' Proċedura

Roberta Metsola (PPE)

Suġġett: Il-monitoraġġ ta' magni li jagħtu rakkomandazzjonijiet fuq pjattaformi online

Il-pjattaformi online qegħdin jużaw dejjem aktar algoritmi li huma mfasla biex jakkwistaw informazzjoni mit-tiftix ta' utent finali. Meta jagħmlu dan, l-intenzjoni tagħhom hija li jissuġġerixxu kontenut relatat li l-utent finali jista' jsib interessanti, abbażi tat-tiftixa inizjali tiegħu jew tagħha.

Il-kumpanija tat-teknoloġija Mozilla talbet lill-pubbliku biex jirrapporta dak li jqis bħala "YouTube regrets", jiġifieri kontenut segwit fuq YouTube li jkun ibbażat fuq ir-riżultati ġenerati mill-magna tagħha li tagħti rakkomandazzjonijiet. Hemm rapporti li tali rakkomandazzjonijiet setgħu esponew, bħala konsegwenza, lil membri vulnerabbli tas-soċjetà, inklużi minorenni, għal kontenut mhux xieraq. Hemm ukoll rapporti ta' persuni li joħolqu kontenut malizzjuż li deliberatament ifittxu individwi li jbatu b'mard mentali varju permezz ta' ttagġjar ta' keywords relatati ma'nsaba biex jimmanipulaw magni li jagħtu rakkomandazzjonijiet.

X'miżuri qed tiegħu l-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni ma' pjattaformi online, biex tiżgura li l-minorenni jkunu protetti minn kontenut mhux xieraq u potenzjalment ta' ħsara li l-magni li jagħtu rakkomandazzjonijiet lill-utenti jissuġġerixxu online?

X'linji gwida fasslet sabiex issib il-bilanċ it-tajjeb u jiġu promossi spazji sikuri fuq l-internet mingħajr il-bżonn li jiġi mmonitorjat?